**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru. 15/2016**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors tas-socjeta' rikorrenti **XXX** ipprezentat fl-4 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

"

***A. Dikjarazzjoni cara u korretta tas-suggett u r-raguni ghat-talba***

*Illi l-esponenta ghanda kwestjoni mad-Dipartiment tal-VAT. Illi s-sustanza ta' din il-vertenza kollha tirrizulta mill-annessi e-mails markati TH01.*

*Illi, fil-qosor, il-dizgwid kollu jinvolvi kwestjoni teknika dwar 'time of supply' illi, bid-dovut rispett, id-dipartiment qed jinterpreta b' mod rigidu izzejjed.*

*Illi d-dipartiment qed jinterpreta l-ligi b' mod illi, filwaqt illi qed jippretendi illi certu provisti jigu ddikjarati qabel iz-zmien, qed jippretendi illi certa krediti jittiehdu wara z-zmien dovut b' mod illi jmur kontra l-ispirtu u l-ghan tal-ligi.*

*Illi l-intimat qed jaddotta approcc arbitrarju wisq illi jirrizulta f' ingustizja lejn l-esponenta.*
*Illi, kif jirrizulta mill-annessa korrispondenza, l-esponenta precedentement qajmet din il-kwestjoni mad-dipartiment.*

*Illi d-dipartiment ma kkoncediex smigh xieraq lill-esponenta tant illi hareg stima finali minghajr ma hareg stima provizorja. Ghalhekk anqas biss skatta il-mekkanizmu tal-oggezjoni u accertazzjoni interna koncessa solitament.*

*Illi l-esponenta giet notifikata bl-annessa stimi finali markata TH02 (kolletivament 'l-imsemmija stima') illi minnha qed tinterponi dan l-appell.*

*Illi dan ir-rikors qed isir sabiex tithassar l-imsemmija stima, kwantu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

***B. Esposizzjoni cara u dettaljata tal-fatti tal-kaz, kif ikun jafhom ir-rikorrent***

*Illi l-imsemmija stima ma nhargitx 'properly', 'reasonably' u 'fairly' u hija bazata fuq apprezzament hazin tal-fatti.*

*Illi l-istima hija bazata interpretazzjoni arbitrarja tal-kuncett ta' time of supply'.*

*Illi ghalhekk il-kalkoli tal-intimat huma ghal kollox zbaljati u bazati fuq premessi hziena.*

*Illi ir-rapport taxxa pperikolata/ multi amministrattivi u imghax punittiv jippekkaw serjament f' dak illi huwa proporzjonalita'.*

***C. L-isem tax-xhieda li r-rikorrent ikun bi hsiebu jharrek, inkluz it-tahrik tal-kontroparti, bid-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull xhud tal-prova li r-rikorrent ikun bi hsiebu jaghmel permezz taghhom;***

*L-esponenti jirrizerva d-dritt illi jressaq il-persuni segwenti bhalha xhieda:*

*Tonio Hilli u diretturi tal-kumpannija passati u prezenti ghall-konferma tal-fatti.*

*Impjegati passatti u prezenti tal-kumpannija Ernst & Young Limited ghall-konferma tal-fatti.*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi u impjegati passati u prezenti tieghu fosthom is-sinjuri Anton Theuma, Frank Borg, Lawrence Gatt u Louis Camilleri sabiex jixhdu dwar ir-ratio tal-istima.*

***D. Ir-rimedju li jkun qieghed jintalab, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni pubblika.***

*Illi dan l-appell qed isir sabiex dan l-Onorabbli tribunal ihassar l-imsemmija stima,*

***E. It-talba jew it-talbiet***

*Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha prezentati lill-intimat u ghall-provi mressqa u jirrizerva li jressaq kull prova ohra permessa bil-ligi, jitlob bir-rispett ghar-ragunijiet premessi li dan l-Onorabbli Tribunal jilqa' l-Appell tieghu mill-imsemmija stima u jhassar u jirrevoka l-imsemmija stima (inkluz s-sorte, l-imghax u taxxa addizjonali).*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Ra ir-risposta tal-**Kummissarju tat-Taxxi** ipprezentata fit-30 ta' Marzu 2016 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*Illi l-fatti fil-qosor fil-każ in eżami kienu s-segwenti:*

1. *Illi l-appellanti irreġistrat sabiex tibda l-attivita' ekonomika tagħha fil-21 ta' Ġunju 1999. L-attivita' ekonomika tagħha hi relatata ma' mmaniġjar ta' proprjeta' li tinkludi yacht marina. Kopja tar-reġistrazzjoni hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok A;*

2. *Illi fit-13 t'Awwissu l-appellat kiteb lill-appellanti fejn fihom talabha tippreżenta d-dokumentazzjoni elenkata fl-ittra surreferita. Kopja ta' din l-ittra u tan-notifika relattiva hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok B/B1. Sussegwentement, wara din l-ittra, segwiet korrispondenza elettronika li l-appellat qiegħed jannetti kopja ta' din il-korrispondenza u jimmarkaha bħala Dok C;*

3. *Illi minn din l-investigazzjoni lill-appellat irriżultalu li l-appellanti naqset milli tiddikjara Input VAT fil-perjodu relattiv tiegħu, fejn fuq ċertu fatturi ġie mitlub VAT fil-perjodi li jaqgħu qabel id-data tal-fattura u fuq fatturi oħrajn ġie mitlub VAT fil-perjodi li jaqgħu wara d-data tal-fatturi. Instab ukoll li s-soċjeta' kienet talbet rifużjoni ta' taxxa li m'ghandhiex tingħata jew għax il-persuna li tat is-servizz kienet taħt artikolu 11 u jew għax mhux skont l-Għaxar Skeda tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qed jiġi muri f'appendiċi 11 ta' Dok D. Kopja tar-rapport tal-investigazzjoni tal-appellat Kummissarju hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok D;*

4. *Illi fl-email tal-25 ta' Jannar 2016 l-appellanti għamlet talba sabiex jiġu kkoreġuti d-denunzji tat-taxxa tagħha. Kopja ta' din it-talba hija hawn annessa u mmarkata mal-korrispondenza Dok C;*

5. *Illi l-appellanti kienet innotifikata* ***bil-korrezzjoni skont l-artikolu 37(2) u mhux bi stima*** *fl-24 ta' Frar 2016. Kopja tan-notifika hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok E/E1. Di fatti fuq id-dokument li ntbagħat lis-soċjeta' appellanti hemm imniżżel fin-naħa tal-lemin fuq l-intestatura Vat Assessment in terms of article 32(3) or Vat Disclosure in terms of article 37(2).... Fil-fatt jirriżulta bl-aktar mod ċar illi d-dokument li nbgħat lil appellanti, intbgħat ai termini tal-artikolu 37(2);*

## Konsiderazzjonijiet Legali

a) *Illi l-Kap 406 jitkellem ċar fuq id-data meta sseħħ ġrajja taxxabbli u meta jkollha titħallas it-taxxa.*
*Il-partita 2 tar-Raba' Skeda tal-Kap 406 tiddetermina d-data tal-ġrajja taxxabbli fil-każ ta' provvista' ta' servizz, filwaqt li l-partita 3 tal-istess Raba' Skeda tiddetermina d-data meta jkollha titħallas it-taxxa fuq il-provisti fejn din ikollha titħallas fid-data li tiġi l-aktar kmieni miż-żewġ dati li ġejjin:*
*Id-data li fiha titqies li tkun seħħet il-provvista*
*Id-data li fiha jsir il-ħlas tal-provvista sal-limitu kopert b'dak il-ħlas*
*Iżda meta tinħareġ fattura ta' taxxa sal-ħmistax tax-xahar li jiġi wara d-data stabbilita taħt id-disposizzjonijiet ta' hawn fuq it-taxxa jkollu jingħata kont tagħha fid-data ta' dik il-fattura;*

b) *Illi l-appellanti qiegħda tinsa li l-artikolu 22(5) tal-Kap 406 huwa ċar u ma fih l-ebda lok ta' interpretazzjoni fejn jgħid li:*
*Id-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli għall-provvisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti mniżżla fl-Għaxar Skeda.*

c) *Illi l-Għaxar Skeda ma fiha l-ebda lok ta' interpretazzjoni fejn m'għandux jitqies bħala input tax ta' persuna kemm-il darba ma jkunx appoġġjat b'fattura ta' taxxa;*

d) *Illi huwa ċar li l-appellanti ma kellhiex fatturi fil-perjodi li hija talbithom bħala input vat. Irriżulta li d-data tal-fatturi li hija ppreżentat kienu jappartjenu għall-perjodi li jaqgħu wara. Għaldaqstant dan jirriżulta li l-appellanti talbet rifużjoni qabel ma kienu dovuti u ċioe kontra dak li tgħid il-liġi;*

e) *Illi dan il-punt ġie enfasizzat minn dan l-istess Onorabbli Tribunal fil-Każ 131/12VG:*

> *"Il-liġi hija ċara u ma hemmx lok ta' interpretazzjoni: kreditu għal Input Tax pretiz minn taxpayer jiġi rikonoxxut u jingħata biss kemm-il darba: a) l-istess taxpayer jipprovdi prova li t-taxxa mħallsa minnu tħallset fuq provvisti ta' oġġetti u servizzi li jkunu ġew jew ser jiġu wżati minnu fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attivita' ekonomika tiegħu: b) ebda ammont riklamant ma għandu jitqies bħala Input Tax tat-taxpayer kemm-il darba jkunx appoġġat b'fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam ma' l-oġġetti jew servizzi provduti lilu;* **u** *c) sabiex fattura tikkwalifika bħala fattura ta' taxxa għandha tkun konformi ma' dak provdut fl-Artikolu 2 tat-Tnax-il Skeda tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta".*

f) *Illi huwa kontro sens l-aggravju tar-rikorrenti fejn allegat illi ma ngħatax smigħ xieraq mid-dipartiment. Jirriżulta bl-aktar mod ċar univoku illi dan ma kienx il-każ peress li jidher mid-dokumentazzjoni li kienet skambjata bejn il-*

*partijiet illi ngħatat tali smigħ. Għaldaqstant dan l-aggravju bħall-aggravji l-oħra kollha għandu jiġi miċħud minn dan l-Onorabbli Tribunal;*

g) *Illi l-appellat Kummissarju, umilment jitlob li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad il-gravami kollha tal-appell de quo stante illi kif se jkun muri fil-mori ta' dan l-appell huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt. Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, isegwi li l-**korrezzjoni in eżami** hija waħda ġusta u jistħoqqilha konferma;*

*Għaldaqstant, il-Kummissarju, filwaqt li jirriserva d-dritt li jippreżenta xhieda u/jew noti oħra jekk ikun hemm bżonn waqt it-trattazzjoni tar-rikors, jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad dan ir-rikors u jikkonferma l-**korrezzjoni** tal-appellat Kummissarju.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti appellanti."*

Ra l-affidavit ta' Tonio Hili;

Sema' x-xhieda bil-gurament ta' Anton Theuma;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mibghuta mill-Kummissarju intimat datata 17 ta' Frar 2016 li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti giet infurmata bis-segwenti:-

*"Following your disclosure of under declared tax in terms of **Section 37 (2)** of the Value Added Tax Act, 1998, the tax due for the relative tax period/s is being amended as per enclosed assessment/s."*

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghac-citat subartikolu li jghid testwalment is-segwenti:-

*"(2) Meta persuna tagħmel korrezzjoni ta' dikjarazzjoni bin-nieqes jew dikjarazzjoni biż-żejjed kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1) skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28(1) qabel ma tkun ġiet notifikata bi stima proviżorja għal dak iż-żmien, dik il-persuna tkun suġġetta għal penali amministrattiva f'ammont ekwivalenti għal għaxra fil-mija mit-total ta' –*

*(a) l-eċċess, jekk ikun hemm, tal-ammont korrett ta'output tax fuq l-ammont ta' output tax kif dikjarat fid-denunzja; u*

*(b) l-eċċess, jekk ikun hemm, tat-tnaqqis kif dikjarat fid-denunzja fuq l-ammont korrett tat-tnaqqis."*

Illi din il-korrezzjoni saret wara talba tas-socjeta` rikorrenti tal-25 ta' Jannar 2016 sabiex jigu kkoreguti d-denunzji tat-taxxa ghall-perjodi in kwisjtoni (Dokument C a fol. 40 tal-process).

Illi wara li giet notifikata bl-imsemmija korrezzjoni, is-socjeta` rikorrenti appellat ukoll mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat fejn cahad l-oggezzjonijiet taghha permezz ta' ittra datat 13 ta' Gunju 2016. Illi tali decizjoni hija suggett ghal appell iehor (Rikors Numru 47/2016), liema appell se jigi deciz kontestwalment mal-prezenti. Illi siccome` l-mertu taz-zewg appelli huwa essenzjalment identiku dawn iz-zewg rikorsi gew mismugha flimkien.

Illi **Tonio Hili**, Kap Ezekuttiv u Segretarju tas-socjeta` rikorrenti, spjega illi fid-diversi laqghat li s-socjeta` kellha mal-ufficjali tal-Kummissarju intimat hareg car illi l-istess socjeta` agixxiet in *buona fede* u ma rrizulta l-ebda intenzjoni li tiehu xi beneficcju jew tevadi xi taxxa. Anzi, f'certi *tax periods,* kien id-Dipartiment innfisu li ggwadanja peress li kienet ikklemjat *Input Vat* inqas milli suppost. Jispjega wkoll illi wiehed ukoll irid jiehu kont ghal dak li jirrigwarda l-*cash basis declaration* li d-Dipartiment jidher li kien ikkonceda lil certi kuntratturi, u cioe`, il-fakulta` li johorgu l-fattura meta jithallsu u mhux fi zmien tletin gurnata minn meta jkun inghata s-servizz, liema fakulta` s-socjeta` rikorrenti ma gewx infurmati biha.

Ix-xhud spjega illi ghas-socjeta` rikorrenti t-*tax point* hija meta l-perit johrog ic-certifikat u minn hemm jibdew ghaddejin it-tletin gurnata u ladarba s-socjeta` jkollha c-certifikat f'idejha hija kienet thallas lill-kuntrattur. Jispjega li l-problema qamet meta l-kuntratturi, ghalkemm kienu mhallsin, kienu johorgu l-fattura tard.

**Anton Theuma**, *VAT Inspector,* spejga illi dak li kien qed jigri fil-kaz in kwistjoni kien li s-socjeta` rikorrenti kienet qieghda tikklemja *Input Vat* abbazi tac-certifikat tal-perit u mhux abbazi ta' fattura. Jispjega li ghad-Dipartiment dan ma kienx accettabbli. Jghid li pero` kien hemm ukoll kazi fejn l-*input vat* gie kklemjat tard mill-istess socjeta`. Ghalhekk biex l-*input vat* li gie kklemjat mhux kif suppost gie regolarizzat fil-perjodu proprju tieghu gew attirati ammont kbir ta' penali. Jispjega li l-unika soluzzjoni ohra li kien hemm kienet li d-Dipartiment jaghmel stimi provvizorji li maghhom kienu jattiraw penali ferm ikbar.

Ix-xhud spjega li r-raguni li tat is-socjeta` rikorrenti ghala kienu kklemjaw l-*input vat* fuq ic-certifikat tal-perit kienet ghaliex huma kienu diga ghamlu l-hlasijiet relattivi. Pero` hu spjega li d-dipartiment dejjem jimxi fuq meta dahlet l-fattura. Fuq domanda tad-difensur tas-socjeta` rikorrenti, x-xhud spjega illi minkejja li l-*input vat* kienet kklemjata qabel harget l-fattura, l-istess kumpanija ma hadet l-ebda ammont ta' taxxa iktar milli suppost pero` hadet l-ammont qabel iz-zmien dovut.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti ghandha progett ta' zvilupp edilizju u rigenerazzjoni tal-XXX b'diversi kuntratturi jirrendulha diversi servizzi. Illi wara li kien jitlesta x-xoghol mill-imsemmija kuntratturi u johrog ic-certifikat tal-perit li x-xoghol ikun sar kif suppost, is-socjeta` attrici kienet tghaddi ghall-hlas tal-istess kuntratturi. Izda kien hemm xi kuntratturi li kienu jdumu ma jibghatu l-fattura u ghalhekk is-socjeta` kienet tikklemja l-*input vat* fuq l-ammonti mhallsa malli jkollha c-certifikat tal-Perit u taghmel il-hlasijiet.

Illi jirrizulta illi fit-13 ta' Awissu 2014 is-socjeta` rikorrenti giet infurmata illi d-Dipartiment tal-VAT ried jispezzjona l-kotba tal-bejgh u xiri ghall-perjodu mill-1 ta' Dicembru 2008 sat-28 ta' Frar 2013, u wara diversi komunikazzjonijiet bejnu u bejn is-socjeta` rikorrenti, sar qbil illi ghandha ssir korrezzjoni fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa sottomessi mill-istess socjeta` stante li l-Kummissarju intimat qies li certi talbiet ghall-*input vat,* qabel ma s-socjeta` rikorrenti ikollha l-fattura f'idejha, kienu intempestivi u ghalhekk ghamel ezercizzju biex jalloka l-istess *claims* fil-perjodi appoziti, u cioe`, meta harget l-fattura. Dan l-ezercizzju sar bl-approvazzjoni, anke jekk minghjr pregudizzju, tas-socjeta` rikorrenti. Is-socjeta` rikorrenti giet infurmata bil-korrezzjoni hekk kif finalizzata permezz ta' ittra datata 17 ta' Frar 2016 u li minnha qieghed isir dan l-appell.

Illi s-socjeta` rikorrenti oggezzjonat ghall-korrezzjoni notifikata lilha ghal dak li ghandu x'jaqsam penali amministrattiva u imghax permezz ta' ittra ta' oggezzjoni datata 10 ta' Marzu 2016 peress li fil-fehma taghha l-Kummissarju intimat ma uzax dik id-diskrezzjoni koncessa lilu mil-ligi b'mod gust u ekwu u ghalhekk huwa tal-opinjoni illi l-imposizzjoni tal-imsemmija penali u tal-interessi kienet ingusta fic-cirkostanzi tal-kaz. Din l-oggezzjoni giet michuda permezz ta' ittra datata 13 ta' Gunju 2016 u li dwarha qieghed isir l-appell Numru 47/2016.

Illi skond is-socjeta` rikorrenti il-ligi stess tipperemetti li l-Kummissarju intimat jista' jahfer penali amministrattiva *in toto* jew *in parte* jekk in-nuqqas imwettaq jirrizulta minn zball genwin.

Illi skond il-Kummissarju intimat huwa veru li huwa ghandu d-diskrezzjoni msemmija mis-socjeta` rikorrenti, pero` din id-diskrezzjoni ma tfissirx illi jekk persuna tonqos milli tosserva l-ligi allura huwa jrid bilfors inehhi l-penali kollha f'kull kaz. Il-Kummissarju intimat isostni li fil-kaz in ezami s-socjeta` rikorrenti zbaljat meta ikklemjat abbazi tac-certifikat tal-perit u mhux tal-fattura. Dan ghaliex il-ligi tghid car illi l-kreditu ghall-*input tax* huwa suggett ghall-kundizzjonijiet elenkati fi Skeda 10 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe`:

*"Prova dwar input tax*

*2. (1) Ma għandu jitqies ebda ammont bħala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ġġibx prova li dik it-taxxa kellha titħallas fuq il-provvisti ta' oġġetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta'oġġetti li jkunu ġew jew ser jiġu wżati minnha fil-kors tal-avvanz tal-attività ekonomika tagħha.*

*(2) Ħlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod ieħor jippermetti, ebda ammont ma għandu jitqies bħala input tax ta' persuna kemm-il darba:*
***(a) ma jkunx appoġġat bi:***
***(i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti jew servizzi provduti lilu;***[1] *jew*
*(ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li għandha x'taqsam mal-oġġetti miksuba minnu taħt akkwist intra-Komunitarju; jew*
*(iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bħala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u*
*(b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skont dan l-Att għandha titħallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun niżżlet dik it-taxxa bħala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa tagħha; u*
*(ċ) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun miżmum minn dik il-persuna u jingħata, fuq talba, lill-Kummissarju; u*
*(d) l-ammont tat-taxxa jkun ingħata kont tiegħu kif imiss fid-dokumentazzjoni miżmuma minn dik il-persuna sal-limitu meħtieġ għall-għanijiet tal-Att."*

Illi kif gia gie indikat aktar 'il fuq, ai termini tal-artikolu 37(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (2) meta persuna tagħmel korrezzjoni ta' dikjarazzjoni bin-nieqes jew dikjarazzjoni biż-żejjed tkun suġġetta għal penali amministrattiva.

[1] Enfasi tat-Tribunal

In oltre ai termini tal-artikolu 21 (4) tal-Kapitolu 406 *"Ikun dovut mgħax fuq kull taxxa li ma titħallasx sad-data li fiha jkollha titħallas b'rata li l-Ministru għandu, minn żmien għal żmien, jippreskrivi b'regolamenti għal kull xahar jew parti minnu li l-imsemmija taxxa tibqa' ma titħallasx jew b'kull rata oħra hekk kif jista' jiġi preskritt".*

Illi ghalhekk il-kwistjoni ddur fuq jekk l-agir tas-socjeta` rikorrenti kienx zball genwin jew le. Illi dan it-Tribunal, tenut kont tal-professjoni ta' Tonio Hili u cioe` dik ta' *accountant*, ma jarax li dan huwa kaz ta' zball. It-Tribunal jifhem illi s-socjeta` rikorrenti seta' kellha certi problemi biex tigbor il-fatturi minghand il-kuntratturi wara li hija tkun ghaddiet il-pagamenti, pero` dana ma kienx jaghtiha xi permess biex tikklemja l-*Vat* qabel ikollha fil-pussess taghha l-istess fatturi. Il-ligi tippermetti eccezzjonijiet ghal dan bil-permess tal-Kummissarju intimat. Madankollu dan ma jirrizultax li kien il-kaz.

Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem u jikkoncedi illi s-socjeta` rikorrenti ma ggwadanjat xejn izjed milli suppost, xorta jibqa' l-fatt li hija ma osservatx il-kelma tal-ligi. It-Tribunal jifhem ukoll l-argument tas-socjeta` rikorrenti illi kien hemm okkazjonijiet fejn hi ikklemjat il-*VAT* tard u ghalhekk f'certu sens marret minn taht. Pero` dan ma jistghax jittiehed li awtomatikament jibbilancja l-okkazjonijiet fejn hi ikklemjat qabel ma kellha f'idejha l-fattura.

Illi ghalhekk, fl-opinjoni umli tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat kien gust fid-decizjoni tieghu li s-socjeta` rikorrenti ma ikklemjatx l-*input vat* skond il-ligi, izda l-Kummissarju intimat kellu wkoll jiehu d-decizjoni tieghu dwar il-penali u l-imghaxijiet b'mod proporzjonali u ragjnevoli. It-Tribunal mhux qieghed jikkondona dak li sar mis-socjeta` rikorrenti, anke jekk ma jirrizultax li dak li ghamlet ghamlitu b'xi *mala fede*, madankollu l-Kummissarju intimat seta' kien iktar ragjonevoli fic-cirkostanzi u mmitiga l-imposizzjoni tal-penali u l-imghax in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss illi filwaqt li l-korrezzjoni kienet wahda gusta in kwantu ghall-fatt illi l-*input tax* gie allokat fit-*tax periods* relattivi, huwa tal-fehma wkoll illi l-penali amministrattiva u l-imghax imposti wara l-istess ezercizzju ghandhom jitnaqqsu b'terz.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, filwaqt li qieghed jikkonferma l-korrezzjoni tad-denunzji mahruga fid-9 ta' Frar 2016 u li jinsabu esebiti minn fol. 11 sa fol. 18 tal-process, qieghed jirriduci l-ammont ta' penali amministrattivi u imghax li gew imposti konsegwenza tal-istess korrezzjoni

b’terz biex b’hekk is-socjeta` rikorrenti tkun tenuta thallas biss zewg terzi tal-istess penali u imghax.

Bl-ispejjez in kwantu zewg terzi ghas-socjeta` rikorrenti u terz ghall-Kummissarju intimat.

It-Tribunal jordna li kopja ta’ din id-decizjoni tigi notifikata lill-partijiet.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**